MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 428/2008

**Ian Pecorella (ID 385946M)**

**Vs**

**Mark Randon (ID 232969M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37), elf lira Maltin (Lm1,000.00c), rapprezentanti *import* ta' *cheque* mhux onorat, liema *cheque* jinsab anness mat-Talba u mmarkat bhala Dok. 'A'.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), elf lira Maltin (Lm1,000.00), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------